VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,274, 4 ta' Lulju, 2014
Taqsima B

A.L. 237 tal-2014

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI (KAP. 327)

Ir-Regolamenti tal-2014 biex jemendew ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 74 (5) u 75 (6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn ir-regolamenti magħmula mis-Senat tal-Università ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 75 (3) u 79 (b) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu bħala r-Regolamenti tal-2014 biex jemendaw ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mar-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad tal-2008, ippubblikati bħala Avviż Legali 120 tal-2008, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "ir-regolamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw mill-21 ta' Marzu, 2014 'il quddiem.

L-Emenda għar-regolament 31 tar-regolamenti prinċipali

3. Il-paragrafu (2) li ġej għandu jidħol wara l-paragrafu (1) tar-regolament 31 tar-regolamenti prinċipali:

"(2) Jekk student ma jkunx evalwat f'taqsima studju għal raġuni kkunsidrata bħala valida mis-Senat, l-istudent għandu jtemm ir-rekwiżiti tas-sena ta' qabel f'sena ta' studju żejda. Fl-ebda ċirkostanza student ma jitħalla jkompli mis-sena kurrenti għas-sena li jmiss jekk ir-rekwiżiti tas-sena ta' qabel dik kurrenti ma jkunux ġew sodisfatti."

4. Il-paragrafu (2) tar-regolament 31 għandu jiġi nnumerat mill-ġdid bħala l-paragrafu (3).